MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 241/2009

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti**
**C D E F**

**Il-Qorti,**

Illi l-partijiet kienu zzewgu biz-zwieg civili fl-1 ta’ Ottubru 1996 (Dok. A);

Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla bl-isem Diana li llum ghandha circa ghaxar (10) snin;

Illi circa tlett snin ilu r-ragel mhux biss abbanduna d-dar matrimonjali imma telaq ghal kollox minn Malta u l-esponenta ilha ma tisma’ b’ ahbaru tul dan il-perjodu kollu.

Illi l-esponenta ma tafx x' inhi r-raguni ta' dan l-agir biex b' hekk sallum ghadha ainsaputa ta' x' kien il-mottiv ta' dan l-agir u li mhux biss ma tafx fejn hu qieghed u x' qed jaghmel imma wkoll halla fil-bzonn il-familja tieghu. Illi bhala konsegwenza z-zwieg tkisser irrimedjabilment b' mod li l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibli.

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz tad-digriet moghti nhar id-9 ta' Lulju 2009 (Dok. B);

Ghaldaqstant, l-esponenta titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontedenti ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

3. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti billi l-ftit assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu allokati lill-esponenta u fin-nuqqas dina l-Onorabbli Qorti takkorda li l-intimat jitlef kull jedd li ghandu fuq nofs l-akkwisti li saru bil-hidma tar-rikorrenta.

4. Tapplika kontra l-intimat l-effetti ta' l-artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tifla Diana tkun fdata unikament u esklussivament lill-esponenta ad eskluzzjoni ta' l-intimat.

6. Tordna li l-access ghat-tifla minuri mill-intimat, meta u jekk jerga' jzur Malta jibqa' jsir taht supervizjoni minn social worker ta' l-Agenzija Appogg.

7. Tordna li l-intimat, f' kaz li jersaq lejn Malta jhallas manteniment sija ghall-esponenta kif ukoll ghall-minuri li jinkludi wkoll mill-inqas nofs l-ispejjez ta' l-iskola u tas-sahha tal-minuri sakemm il-minuri taghlaq tmintax-il sena li ghandha tigi maqtugha anke, ghal kull buon fini minn

sehem l-intimat wara li jigi determinat sehemu mill-komunjoni ta’ l-akkwisti u fin-nuqqas id-dhul li jkun qed jaghmel meta jkun qieghed Malta.

8. Tawtorizza jekk ikun il-kaz li r-rikorrenta tipproduci persuni li huma marbuta bis-sigriet professjonali sabiex jigu ezenti mill-imsemmi obbligazzjoni sabiex ikunu jistghu jixhdu fil-kawza odjerna u dan taht kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrilevaw li sa dak l-istadju ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjui meta, u jekk, ikunu hekk edotti ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-qorti s-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut assenti, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment b’ mod li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ ghadhiex aktar possibbli ghar-raguni kontemplata fl-artikolu 41 tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija, izzewget lill-konvenut, cittadin Tunezin, bir-rit civili fl-1 ta’ Ottubru 1996, u minn iz-zwieg ghandhom tifla bl-isem ‘Diana’ li llum ghandha circa 10 snin.

Illi wara konvivenza matrimonjali turbolenti li fiha l-konvenut kien abbuza minn martu, fizikament u anke sesswalment, u li hu qatt ma taha ebda manteniment, la ghaliha u lanqas ghat-tifla, il-konvenut telaq minn Malta u halla lill-attrici tfendi ghar-rasha bit-tifla minuri tal-partijiet. Huwa telaq circa ghaxar [10] snin ilu.

L-attrici tirrakkonta li meta hija kienet harget tqila, il-konvenut kien anke rieda li ssiefer biex taghmel abort.

Illi l-Qorti, filwaqt li ma tara xejn x’ ticcensura fil-komportament ta’ l-attrici matul il-konvivenza matrimonjali, tosserva li l-abbandun da parti tal-konvenut, ta’ martu u bintu, minghajr ma hallas ebda manteniment, u b’ hekk hallihom ifendu ghar-rashom, jikkostitwixxi abbandun fit-termini ta’ l-artikolu 41 fuq citat.

L-attrici tghid li l-partijiet m’ ghandhomx assi tal-komunjoni ghajr il-kamra tas-sodda, it-television u l-computer mixtri ghat-tifla.

Rigward manteniment hija tghid li mhux fil-pozizzjoni li tressaq provi dwar l-introjtu ta’ zewgha.

Rigward it-tifla, l-attrici tghid li kienet dejjem hi li hadet hsieb it-tifla minn mindu twieldet, filwaqt li l-konvenut qatt ma ha hsiebha u qatt ma hallas manteniment ghaliha.

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u salv ghal dak li ser jigi deciz aktar ‘l isfel, ghandhom jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi :
[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut ;
[2] tilqa’ t-tieni talba ;
[3] tilqa’ it-tielet talba, u tassenja lill-attrici s-sehem tal-konvenut mill-oggetti fuq indikati, u dan akkont tal-arretrat ta’ manteniment dovut lilha minnu;
[4] tilqa’ ir-raba talba’
[5] tilqa’ il-hames talba ;
[6] tilqa’ is-sitt talba ;
[7] tilqa’ is-seba talba fis-sens li tafferma d-dritt ta’ l-attrici li titlob manteniment ghaliha u ghal binthom minuri, minghand il-konvenut bhala l-parti li tahti unikament ghas-separazzjoni; izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri

tal-kumplament, stante li ma ngabux provi fir-rigward tal-quantum;
[8] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba, stante li hija superfluwa.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut ; izda provvizorjament id-drittijiet relatati ma' l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------